Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 254/2015

Il-Pulizija

(Spt. Hubert Cini)

Vs

John Pace

Illum 19 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 596463M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LLD nhar is-26 ta' Settembru 2014, billi kiser ir-rekwizit numru 3 billi avvicina x-xhud tal-Prosekuzzjoni Maria Dolores Pace, billi kkommetta reat iehor bi ksur tar-rekwizit 4, imposti kontra l-ordni mposta f'dan id-digriet u kif ukolli talli kiser Ordni ta' protezzjoni moghti mill-Magistrat Dr N Camilleri LLD moghti fis-26 ta' Settembru 2014 biex, javvicinax lill-imsemmija jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Maria Dolores Pace.

Talli bejn l-1 ta' Dicembru 2014 u 8 ta' Dicembru 2014, gewwa Malta f'diversi hinijiet ikkaguna lil Maria Dolores Pace biza li se tintuza vjolenza kontrih jew

kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti.

Talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Maria Dolores Pace mhux mod iehor imsemmija fil-Kodici Kriminali Kap 9.

Talli fl-isess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici hedded li jaghmel reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Talli fl-isess dati, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn intrapriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjoniiet li jkunu mahruga minn impriza ghal-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil John Pace u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi John Pace u torda l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tghaddi s-somma ta' sitt elef Ewro (€6000) ghand il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2015, li biha, wara li rat l-artikoli 49 u 50, 251B, 339 (e), 579 (2) u 412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 (a) u (c) u Art. 48 (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat **John Pace** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2015, li bih talab li din il-Qorti joghgobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet supra citati, tgħaddi sabiex issib ħtija u tinfliġġi fuq l-appellat dik il-piena idonea skont il-Liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

L-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat b'tali sentenza speċjalment għal mod kif l-ewwel Onorabbli rraġunat sabiex waslet għall-konklużjoni tagħha u dana kif sejjer jiġi spjegat f'aktar dettal aktar il-quddiem u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell;

Illi jirriżulta b'mod ċar u manifest li l-ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellat għas-sempliċi raġuni li, skont hi l-verżjoni tal-appellat, u cioe li hu minn naħa tiegħu qatt ma' kellem lil martu fid-dati ndikati fil-kumparixxi, ġiet ikkonfermata b'mod xjentifiku permezz tax-xhieda ta' **Dr. Martin Bajada** li minn naħa tiegħu xehed li minn riċerka li għamel, hekk kif kien inkarigat mill-ewwel Qorti, irriżulta li ma' kien hemm l-ebda kuntatt telefoniku bejn iż-żewġ partijiet. Konsegwentement l-ewwel Qorti sostniet li, għalkemm mart u bint l-appellat xehdu prattikament l-istess, il-verżjoni tal-appellat hija l-waħda veritjiera;

Illi b'referenza għas-suespost u b'kull dovut rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent jagħmel referenza direttament għar-rapport tal-imsemmi espert **Dr. Martin Bajada** għas-sempliċi raġuni li, minn qari akkurat ta' dan ir-rapport, fil-konklużjoni tiegħu jikkonferma li bejn iż-żewġ numri ċellulari li hemm indikati fl-imsemmi rapport irriżulta li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejniethom, senjatament **a fol 105** fil-konlużjoni qal:-

> **Illi, kemm minn fuq iċ-ċellulari kif ukoll mill-call profiles DOK MB1 u DOK MB2 ma jirriżultax li bejn 1 ta' Diċembru 2014 sal-11 ta' Diċembru 2014 kien hemm telefonati u/jew messaġġi bejn MSISDN 9950 1782 (DOK HC11) u MSISDN 9981 9052 (Doris Pace).**

Kif jidher ċar appuntu mill-konklużjoni tal-espert bħala stat ta' fatt ir-riċerka saret speċifikament fuq żewġ numri biss u għalhekk ma jfissirx u ma jeskludix il-fatt li għax ma kienx hemm kuntatt bejn dawn iż-żewġ numri li dak iż-żmien kienu jappartjenu lill-**Maria Dolores Pace** u r-raġel tagħha **John Pace**, li l-istess **John Pace** ma ċempilx lil martu b'mezzi oħra telefoniċi jew b'ċellulari oħra li ma kinitx taf bihom hi stess u dana kif sostniet martu stess fix-xiehda tagħha, fejn senjatament **a fol 32** tal-atti proċesswali fuq domanda tal-prosekuzzjoni rrispondiet *Pero' ċempel fuq tliet (3) numbers oħra tal-mobile, ma nafx ta' min huma lilkom tajthomkom u ehe kien iċempel u jhedded;*

In sostenn tas-suespost, ix-xhud **PS31 Mario Farrugia** kkonferma li fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin (16.40) ġiet tirraporta **Maria Dolores Pace** fejn qaltlu li għal ħabta tal-erbgħa (16.00) irċeviet telefonata <u>anonima</u> u meta rrispondiet kellimha r-raġel tagħha **John Pace** fejn beda jheddidha u jgħajjarha. Ovvjament la dina t-telefonata kienet waħda anonima wieħed ma jistennix li ħa jitla' in-numru taċ-ċellulari tal-appellat, iżda minn naħa l-oħra bintha stess ikkonfermat dak kollu li qalet ommha dwar il-fatti kif seħħew nhar l-ewwel (1) ta' Diċembru 2014;

**PS 590 Ian Grima**, ikkonferma wkoll li fit-tmienja (8) ta' Diċembru 2014 ġiet tirraporta **Maria Dolores Pace** fejn stqarret li dak in-nhar għall-ħabta tas-sebgħa (7) kien ċemplilha r-raġel tagħha **John Pace** fejn beda jinsulentha bil-mejtin tagħha u jgħidilha li kien sejjer ġewwa r-residenza tal-Fgura fil-flat, flat 3, dan ix-xhud kompla li meta l-appellat ġie mitkellem qallu li filfatt hu kien ċempel lit-tifla iżda nnega li talabha biex ikellem lill-ommha u cioe lil **Maria Dolores Pace**;

Xhud ieħor kien propju bint l-appellat **Raisa Pace** fejn, f'dan l-istadju ta' min jingħad li dina ma kinitx l-ewwel darba li xehdet fi proċeduri fejn l-imputat kien missierha **John Pace** u fejn kuntrarjament għall-każ odjern ġiet emmnuta, ikkonfermat dak li lisnet ommha kif ukoll spjegat kif jumejn qabel propju dik il-ġurnata meta kienet qed tixhed u cioe fit-tlieta (3) ta' Frar 2015 missierha kien saħansitra ċemplilha mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u jidher ċar li hu għamel dan sabiex jipprova jintimidaha. Fl-opinjoni umli tal-esponent dan l-inċident jidher biċ-ċar il-komportament tal-appellat fil-konfront ta' martu u bintu u l-ewwel Qorti kellha tieħu konjizzjoni ta' dan l-inċident peress li fl-ewwel lok dana hu reat fih nnifsu kif ukoll se mai l-Qorti kellha l-obbligu li tal-inqas twissih;

Minn qari akkurat tal-atti proċesswali, senjatament ix-xiehda ta' mart l-appellat, jidher ċar ukoll li kien hemm mumenti fejn martu kienet qed tikkontempla hekk twaqqax il-kawża fil-konfront ta' żewġha jew le li tindika li għalkemm, kif mistenni jidħol l-element ta' pika bejniethom minn naħa l-oħra mix-xiehda ta' mart l-appellat, martu għamlet kwerela fil-konfront tal-appellat bl-ebda ħażen iżda sempliċiment għax kienet qed tibża minnu;

In vista tas-suespost, li l-Qorti sempliċiment tillibera lill-appellat għax in-numru ta' martu ma jinkwadrax fil-call profile tiegħu, fl-umli opinjoni tal-esponent, mhix deċiżjoni *safe and satisfactory*, aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern li sfortunatament, bħal kwalunkwe każ ieħor tal-istess portata, jista' saħansitra jkollu eżitu aktar gravi minn dak mistenni u għaldaqstant għandu

jingħata dik l-attenzjoni kollha xierqa u dana sabiex se mai tiġi assikurata il-*ben essere* tal-partijiet kollha;

Illi in vista tas-suespost, l-esponent b'umilta' u b'responsabilita' isostni li peress l-imputazzjonijiet saru biss fil-konfront ta' mart l-appellat għax mill-provi jidher li l-istess japplika fil-konfront ta' binthom, li mill-provi prodotti fil-każ odjern l-appellat kellu jinsab ħati li kkuntattja u dejjaq lill-martu u allura l-appellat għandu jinsab ħati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti;

Għaldaqstant indubjament isegwi illi l-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi mħassra u rrevokata sabiex tingħata piena li tirrefletti dik il-piena applikabbli skont id-dispożizzjoni tal-liġi relevanti fir-rigward tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellat;

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi dehrlu illi dik il-qorti malament accettat l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellat u skartat dik ta' martu u bintu u dan unikament meta strahet fuq ir-rapport tekniku redatt mill-espert nominat minnha Dr.Martin Bajada. Jishaq l-Avukat Generali illi bil-fatt illi minn tali rapport irrizulta illi fid-dati indikati fl-akkuza u cioe' bejn l-1 u it-8 ta' Dicembru 2014 ma irrizultax illi sar kuntatt telefoniku bejn it-telefon cellulari appartenenti lill-appellanti u dak appartenenti lil martu, ma ifissirx b'daqshekk illi ma setax kien hemm xi kuntatt bil-mezz ta' apparat iehor telefoniku u dan kif allegat mill-istess *parte civile* meta tishaq illi t-telefonati kienu anonimi. Illi ghalhekk din il-prova cirkostanzjali jew indizzjarja, fil-fehma ta'l-Avukat Generali ma hijiex bizzejjed b'sahhitha u univoka tali illi setghet twassal lill-Ewwel Qorti temmen fuq bilanc ta' probabbilita ix-xhieda imressqa mill-imputat illum appellat illi huwa ma kienx avvicina lil martu permezz ta' apparat ta' telekomunikazzjoni.

Illi fil-fehma tal-Qorti, wara li ezaminat l-atti processwali u senjatament ir-rapport ta'l-espert Bajada, ghalkemm dak allegat mill-Avukat Generali jista' ikun minnu, u cioe' illi seta' kien hemm kuntatt mod iehor mill-appellat fil-konfront ta' martu u dan bi ksur tal-ordni tal-Qorti imposta fuqu, madanakollu ma jistax jinghad illi l-provi in atti huma b'sahhithom tali illi jistghu jilhqu il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat ghal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi dak allegat mill-Avukat Generali ghalkemm ghandu minn ewl id-dinja, madanakollu jikkostitwixxi biss kongettura jew supposizzjoni li mhijiex sostnuta minn provi ohra cirkostanzjali. Ghalhekk l-Ewwel Qorti rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti u rinfaccjata b'rapport xjentifiku illi ma jistax jikkonforta it-tezi tal-parti leza kellha necessarjament tasal biex tillibera lill-imputat billi il-provi in atti kienu wisq fjakki beix iwassalu ghal kundanna tal-persuna akkuzata.

Premess dan, din il-Qorti, wara li fliet l-atti u ir-rapport peritali setghet tasal biex tistabilixxi is-segwenti fatti. Illi l-*parti leza* Maria Dolores Pace ghamlet zewg rapporti fl-ghassa ta' Rahal il-Gdid, wiehed fl-1 ta' Dicembru 2014 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs in-nhar u iehor fit-08 ta' Dicembru ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija fejn allegat li kien cemplilha zewgha fuq it-telefon cellulari taghha minn numru indikat bhala "*private*" u heddidha. Illi mir-rapport peritali hemm indikat illi fl-1 ta' Dicembru saru is-segwenti telefonati bejn wiehed u iehor fil-hin indikat mill-parti leza – fil-15:49 hija irceviet telefonata minn numru 9986 8477 u wara ghal habta fil-15:55 hija ghamlet telefonata lejn in-numru 22943201. Fit-08 ta' Dicembru imbaghad fil-19:17 hija irceviet telefonata minn numru 99521428 u fl-19:26 saret telefonata lejn in-numru 21895787. Fl-19:38 reggghet irceviet telefonata minn numru 99521428 u irceviet telefonata ohra minn numru 22942993. Illi n-numri tac-cellulari indikati fiz-zewg granet ( u cioe' 99868477 u 99521428) jappartjenu lil persuna indikata bl-isem "Mark" fuq il-*phone book contents* tat-telefon cellulari tal-appellat[1]. In-numru 21895787 huwa dak tal-ghassa ta' Rahal il-Gdid filwaqt illi in-numri l-ohra x'aktarx huma ukoll tal-pulizija. Dan ifisser illi fil-hin indikat mill-*parti leza*, hija irceviet telefonati provenjenti minn numri ta' cellulari appartenenti lil certu Mark u wara hija cemplet l-ghassa tal-pulizija.

[1] Ara rapport peritali a fol.109

Stabbilit allura dawn il-provi indizzjarji, jirrizulta illi t-telefonati li irceviet l-parti leza kienu provenjenti minn numri ta' cellulari indikati mill-appellat bhala konoxxenza tieghu bl-isem "Mark". Illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex madanakollu tressaq provi sabiex jigi stabbilit min kien dan "Mark" u jekk setax kien il-kaz illi it-telefon cellulari ta' din il-konoxxenza ta'l-appellat kienx fil-pussess ta'l-istess appellat meta saru it-telefonati indikati.

Dan ifisser allura illi il-provi in atti ma jistghux jitqiesu tali li jistghu iwasslu lil Qorti ghac-certezza morali illi kien verament l-appellat li cempel lil martu fil-hin indikat minnha. Illi, imbaghad, mill-kumplament tal-provi li hemm fl-atti, fejn jidher illi hemm retroxxena shiha ta' disgwid u problemi familjari huwa difficli biex tinghata iktar piz lill-verzjoni u mhux lill-ohra fidd-awl ta' dawn il-provi processwali. Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Premess ghalhekk dan l-insenjament gurisprudenzjali fid-dawl tal-fatti u il-provi li jinsabu fl-atti processwali, din il-Qorti ma tarax illi l-lanjanza ivventilata mill-Avukat Generali jisthoqqilha akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur